

32004D0547

L 243/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.7.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-30 ta' April 2004**

**li temenda d-Deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Rappreżentant Għoli tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni, u d-Deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**

(2004/5 47/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(KEE, Euratom, KEFA)Nru 2290/77 tat-18 ta' Ottubru 1977 li jiddetermina emolumenti tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri <sup>(6)</sup>.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) tiegħu,

Billi:

- (3) Huwa għaldaqstant approprijat li tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Rappreżentant Għoli tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiġu riflessi l-emendi msemmija qabel,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 <sup>(1)</sup> emenda r-Regolamenti tal-Personal ta' uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ċivili oħra tal-Komunitajiet Ewropej stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 <sup>(2)</sup>.

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Rappreżentant Għoli għal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, hija hawnhekk emendata kif ġej:

- (2) Minn naħa, ir-Regolament 1292/2004 <sup>(3)</sup> emenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u ta' membri tal-Kummissjoni u tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati-Ġenerali u r-Registral tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, Membri tar-Registral tal-Qorti ta' Prim'Istanza <sup>(4)</sup>, u minn naħa l-oħra, ir-Regolament tal-Kunsill 1293/2004 <sup>(5)</sup> emenda r-Regolament tal-Kunsill

1. fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1:

- il-kliem "fil-grad A1 pass finali" għandhom jiġu sostitwiti b"fil-grad 16 it-tielet pass";
- is-sentenza li ġejja għandha tiżdied:  
"Madankollu, mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 ta' April 2006, il-kliem 'fil-grad 16 it-tielet pass' għandha tinftiehem bħala 'fil-grad A\*16 it-tielet pass.'";

<sup>(1)</sup> ĠU L 124, tas-27.4.2004, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.<sup>(3)</sup> Ara l-paġna 23 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(4)</sup> ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2778/98 (ĠU L 347, tat-23.12.1998, p. 1).<sup>(5)</sup> Ara l-paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(6)</sup> ĠU L 268, ta' l-20.10.1977, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 840/95 (ĠU L 85, tad-19.4.1995, p. 10).

2. il-frażi li ġejja għandha tizzied fl-aħħar tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1:

“u l-Artikolu 17 ta' l-Anness VII tar-Regolament tal-Personal għandu japplika għalih b'analoġija.”

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 1999 li tistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1:

— il-kliem “fil-grad A1 pass finali” għandhom jiġu sostitwiti b’“fil-grad 16 it-tielet pass”;

— is-sentenza li ġejja għandha tizzied:  
“Madankollu, mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 ta' April 2006, il-kliem ‘fil-grad 16 it-tielet pass’ għandhom jinftiehm b’ħala ‘fil-grad A\*16 it-tielet pass.’”;

2. il-frażi li ġejja għandha tizzied fl-aħħar tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1:

“u l-Artikolu 17 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Personal għandu japplika għalih b'analoġija.”

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, u lid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mill-President tal-Kunsill.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' April 2004.

*Chall-Kunsill,*

*Il-President*

B. COWEN